SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

20 ta' Ġunju 2018*

"Kompetizzjoni – Proċedura amministrattiva – Deċiżjoni li tordna spezzjoni – Proporzjonalità – Assenza ta' natura arbitrarja – Obbligu ta' motivazzjoni – Indizji suffiċjentement serji – Ċertezza legali – Aspettattivi leġittimi – Dritt għar-rispett tal-ħajja privata – Drittijiet tad-difiża"

Fil-Kawża T‑325/16,

**České dráhy a.s.**, stabbilita fi Praga (ir-Repubblika Ċeka), irrappreżentata minn K. Muzikář, J. Kindl u V. Kuča, avukati,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn P. Rossi, A. Biolan, G. Meessen, P. Němečková u M. Šimerdová, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE intiża għall-annullament tal-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 2417 finali tat-18 ta' April 2016 dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 20(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, indirizzata lil České dráhy kif ukoll lill-kumpanniji kolllha direttament jew indirettament ikkontrollati minnha, li tordnalhom li jissottomettu ruħhom għal spezzjoni (Każ AT.40156 – Falcon),

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla),

komposta minn A. M. Collins, President, R. Barents u J. Passer (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: L. Grzegorczyk, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tas-26 ta' Ottubru 2017,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek.

## Sentenza

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrenti, České dráhy, a.s., hija kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata. Din il-kumpannija hija t-trasportatur ferrovjarju nazzjonali Ċek u hija miżmuma mill-Istat Ċek. Hija dominanti b'mod partikolari fis-swieq tal-provvista ta' servizzi tat-trasport ta' persuni u tal-provvista ta' servizzi ta' ġestjoni tal-infrastruttura ferrovjarja fir-Repubblika Ċeka.

#### *Il-proċedura quddiem l-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni*

2 Fl-2011 u l-2012, żewġ trasportaturi oħra, RegioJet a.s. u LEO Express a.s., bdew joffru servizzi ta' trasport ferrovjarju ta' persuni fuq ir-rotta bejn Praga (ir-Repubblika Ċeka) u Ostrava, belt li tinsab fil-Grigal tar-Repubblika Ċeka.

3 Mill-2011, l-aġir tar-rikorrenti, issuspettata li abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha billi toffri l-provvisti tagħha ta' trasport ferrovjarju ta' persuni b'telf, bi prezzijiet predatorji, fuq ir-rotta Praga-Ostrava, ġiet investigata mill-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni, l-Úřad pro ochranu hospodářské soutěže (l-Uffiċju għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni, ir-Repubblika Ċeka).

4 Fl-24 ta' Jannar 2012, wara investigazzjoni preliminari, l-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni bdiet proċedura amministrattiva kontra r-rikorrenti, abbażi tal-Artikolu 11(1) taz-zákon č. 143/2001 Sb. o ochraně hospodářské soutěže (il-Liġi Nru°143/2001 dwar il-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni).

5 Fil-25 ta' Jannar 2012, l-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni wettqet spezzjoni fil-bini tar-rikorrenti.

6 L-investigazzjoni mmexxija mill-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni kienet għadha għaddejja fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li hija s-suġġett ta' dan ir-rikors.

#### *Il-proċedura quddiem il-qrati Ċeki*

7 F'data mhux speċifikata, iż-żewġ kompetituri tar-rikorrenti, RegioJet u LEO Express, ressqu azzjonijiet kontra din tal-aħħar quddiem il-qrati Ċeki sabiex jitolbu kumpens għad-dannu kkawżat lilhom mill-allegat aġir antikompetittiv tar-rikorrenti fuq ir-rotta Praga-Ostrava.

8 Permezz ta' sentenza tal-10 ta' Diċembru 2015, il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga, ir-Repubblika Ċeka) ċaħdet ir-rikors ta' LEO Express. Din tal-aħħar ippreżentat appell minn din is-sentenza quddiem il-Vrchní soud v Praze (il-Qorti Superjuri ta' Praga, ir-Repubblika Ċeka). Fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li hija s-suġġett ta' dan ir-rikors, din il-proċedura kienet għadha għaddejja.

9 Fl-istess data, il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga) ma kinitx għadha ddeċidiet fuq ir-rikors ta' RegioJet.

#### *Investigazzjoni tal-Kummissjoni*

10 Fit-18 ta' April 2016, il-Kummissjoni Ewropea adottat id-Deċiżjoni C(2016) 2417 finali, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003, indirizzata lir-rikorrenti kif ukoll lill-kumpanniji kollha kkontrollati direttament jew indirettament minnha, li tordnalhom li jissottomettu ruħhom għal spezzjoni (Każ AT.40156 – Falcon) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

11 Il-premessi 2 sa 9 tad-deċiżjoni ikkontestata huma redatti kif ġej:

"(2) Il-Kummissjoni Ewropea (iktar 'il quddiem 'il-Kummissjoni' kisbet informazzjoni li minnha jirriżulta li r-rikorrenti hija dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE, fost oħrajn fis-swieq tal-provvista ta' servizzi ta' trasport ta' persuni u l-provvista ta' servizzi ta' ġestjoni tal-infrastruttura ferrovjarja fir-Repubblika Ċeka.

(3) Il-Kummissjoni għandha informazzjoni li tissuġġerixxi li r-rikorrenti tista' tipprattika prezzijiet inferjuri għall-ispejjeż ta' produzzjoni (predatory pricing) fuq ċerti rotot ferrovjarji, b'mod partikolari (iżda mhux biss) fuq ir-rotta Praga-Ostrava. Dan l-aġir jista' jkun parti minn strateġija minn naħa tar-rikorrenti kontra r-regoli tal-kompetizzjoni, u dan sabiex tipproteġi l-pożizzjoni tagħha fis-suq tal-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-persuni u sabiex tillimita l-iżvilupp tal-kompetizzjoni fis-suq.

(4) Il-Kummissjoni kisbet informazzjoni li tissuġġerixxi li dan l-allegat ksur twettaq mill-inqas sa mill-2011, meta kompetitur privat beda jipprovdi servizzi fuq ir-rotta Praga-Ostrava, jew anki qabel, u li dan l-aġir bla dubju tkompla.

(5) L-aġir iċċitat hawn fuq, jekk l-eżistenza tiegħu tiġi stabbilita, jikkostitwixxi ksur jew diversi ksur tal-Artikolu 102 TFUE.

(6) Dan l-allegat ksur jitwettaq fl-ikbar segretezza. Id-dokumentazzjoni eżistenti dwar l-allegat ksur hija limitata għall-minimu u hija miżmuma f'postijiet u taħt forma li jiffaċilitaw il-ħabi tagħha, iż-żamma tagħha jew id-distruzzjoni tagħha fil-każ ta' talba għal informazzjoni jew ta' kontrolli mħabbra.

(7) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha dwar eventwali ksur kif ukoll il-kuntest li fih iseħħ, għandha ssir spezzjoni fil-bini tar-rikorrenti skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1/2003. Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja ta' din l-ispezzjoni, huwa neċessarju li titwettaq mingħajr ma l-impriża suspettata bil-ksur tiġi mwissija minn qabel.

(8) Għaldaqstant huwa neċessarju li tiġi adottata deċiżjoni skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003, li biha r-rikorrenti tiġi mistiedna tissottometti ruħha għal spezzjoni, u li din id-deċiżjoni tiġi kkomunikata immedjatament qabel l-ispezzjoni.

(9) Il-Kummissjoni hija konsapevoli tal-fatt li l-awtorità tal-kompetizzjoni tal-Istat Membru, l-Úřad pro ochranu hospodářské soutěže (iktar 'il quddiem "ÚOHS") bdiet proċedura amministrattiva fuq l-istess ksur u pproċediet bi spezzjoni fil-bini tar-rikorrenti fl-2012. Il-Kummissjoni eżaminat il-fajl korrispondenti tal-ÚOHS."

12 L-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata jindika fl-ewwel paragrafu tiegħu:

"Din id-deċiżjoni tordna lir-[rikorrenti], flimkien mal-kumpanniji kollha li hija tikkontrolla direttament jew indirettament, sabiex tissottometti ruħha għal spezzjoni dwar l-eventwali parteċipazzjoni tagħha fi ksur tal-Artikolu 102 TFUE fil-qasam tal-provvista ta' servizzi ta' trasport ferrovjarju ta' persuni fir-Repubblika Ċeka. Il-ksur jinkludi b'mod partikolari l-prattika ta' prezzijiet inferjuri għall-prezz ta' produzzjoni, li jistgħu jillimitaw l-aċċess ta' terzi għas-suq jew l-iżvilupp tagħhom fis-suq tas-servizzi ta' trasport ferrovjarju ta' persuni, kif ukoll kwalunkwe strateġija li jkollha l-istess effett."

13 Skont l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, "[l-] ispezzjoni [kellha] tibda […] fis-26 ta' April 2016 jew ftit wara din id-data".

14 L-Artikolu 3 tad-deċiżjoni kkontestata jispeċifika li "[i]d-destinatarju ta' din id-deċiżjoni hija [r-rikorrenti], flimkien mal-kumpanniji kollha li din tikkontrolla direttament jew indirettament[; id-]deċiżjoni għandha tiġi kkomunikata lir-[rikorrenti] immedjatament qabel l-ispezzjoni, skont l-Artikolu 297(2) TFUE".

15 L-ispezzjoni seħħet bejn is-26 u d-29 ta' April 2016.

## Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

16 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' Ġunju 2016, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors.

17 Konformement mal-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, din tal-aħħar stiednet lill-Kummissjoni sabiex tipproduċi ċerti dokumenti. Il-Kummissjoni kkonformat ma' din it-talba fit-terminu stabbilit.

18 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

19 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

## Id-dritt

20 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tqajjem sitt motivi, ibbażati:

– fuq in-natura arbitrarja u sproporzjonata tad-deċiżjoni kkontestata u tal-ispezzjoni inkwistjoni (l-ewwel motiv);

– fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni (it-tieni motiv);

– fuq l-assenza ta' indizji suffiċjentement serji li jiġġustifikaw l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u t-twettiq tal-ispezzjoni (it-tielet motiv);

– fuq l-assenza ta' effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri u ta' pożizzjoni dominanti tar-rikorrenti fuq is-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu (ir-raba' motiv);

– fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi (il-ħames motiv);

– fuq ksur tad-drittijiet iggarantiti mill-Artikoli 7 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u mill-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni tal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB") (is-sitt motiv).

21 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, minkejja li l-att ikkontestat permezz ta' dan ir-rikors huwa effettivament id-deċiżjoni li ordnat l-ispezzjoni inkwistjoni u filwaqt li l-motivi kollha mqajma mir-rikorrenti huma intiżi esklużivament għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, madankollu, ċerti osservazzjonijiet u ċerti argumenti li hija fformulat fil-kuntest tal-proċedura bil-miktub jirrigwardaw it-tmexxija tal-ispezzjoni mwettqa mill-Kummissjoni b'implimentazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni. Barra minn hekk, dan huwa muri mill-mod kif ir-rikorrenti intitolat l-ewwel u t-tielet motivi għall-annullament.

22 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-mod li bih deċiżjoni li tordna spezzjoni tkun ġiet applikata ma għandux effett fuq il-legalità ta' din id-deċiżjoni (ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/11, T-290/11 u T-521/11, EU:T:2013:404, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata) u li impriża ma tistax għaldaqstant tinvoka l-illegalità li biha hija vvizzjata t-tmexxija ta' proċeduri ta' verifika insostenn ta' talbiet għal annullament diretti kontra l-att li abbażi tiegħu l-Kummissjoni wettqet din il-verifika (ara s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2007, Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni, T-125/03 u T-253/03, EU:T:2007:287, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Madankollu, ir-rikorrenti speċifikat fis-seduta li hija ma kinitx qed tfittex li tinvoka l-illegalità li biha hija vvizzjata t-tmexxija tal-proċeduri ta' verifika insostenn tat-talbiet tagħha għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. L-osservazzjonijiet u l-argumenti dwar it-tmexxija tal-ispezzjoni inkwistjoni huma biss intiżi sabiex iservu bħala "għajnuna għall-interpretazzjoni" tal-għan tad-deċiżjoni kkontestata.

24 Huwa għalhekk minn dan l-angolu li għandhom jiġu evalwati dawn l-osservazzjonijiet u argumenti fl-eżami tal-motivi għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

25 Barra minn hekk, huwa xieraq li dan l-eżami jinbeda permezz tal-analiżi tat-tieni u t-tielet motiv, peress li din l-analiżi jista' jkollha effett fuq dik tal-motivi l-oħrajn.

***Fuq it-tieni u t-tielet motiv, ibbażati fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u fuq l-assenza ta' indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni***

26 Permezz tat-tielet motiv, ir-rikorrenti qabelxejn tikkritika lill-Kummissjoni li ma semmiet, fid-deċiżjoni kkontestata, l-ebda prova li tippermetti li jiġi ssuspettat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni.

27 Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti hija konvinta li, fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma setax kellha provi (lanqas indiretti) serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. Għall-kuntrarju, il-provi miġbura fil-kuntest tal-proċedura quddiem l-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni, fosthom il-perizja ta' M. Krabec tas-16 ta' Diċembru 2013, u dik tal-Univerzita Pardubice (l-Università ta' Pardubice, ir-Repubblika Ċeka) tal-25 ta' Awwissu 2015, jimmilitaw favur l-assenza ta' aġir antikompetittiv tar-rikorrenti. Barra minn hekk, l-istess provi juru li l-prezzijiet ipprattikati mir-rikorrenti baqgħu, fil-medja, ogħla minn dawk tal-kompetituri tagħha u li d-dħul tagħha fuq ir-rotta Praga-Ostrava kien dejjem ogħla mill-ispejjeż varjabbli. L-assenza ta' indizji suffiċjentement serji hija kkorroborata mill-evulozzjoni tas-sitwazzjoni fuq ir-rotta Praga-Ostrava, ikkaratterizzata minn livell ta' kompetizzjoni għoli. Għahekk huwa ferm probabbli, skont ir-rikorrenti, li d-deċiżjoni kkontestata kienet ibbażata esklużivament fuq ilment, li kien ippreżentat minn wieħed mit-trasportaturi kompetituri, u mhux fuq verifika xierqa tar-realtà tal-fatti.

28 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali sabiex tipproċedi b'verifika materjali tal-indizji li l-Kummissjoni kellha fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u sabiex tevalwa sa fejn hija eżaminat il-fajl tal-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni.

29 Permezz tat-tieni motiv tagħha, ir-rikorrenti tallega li d-deċiżjoni kkontestata hija mmotivata b'mod insuffiċjenti u tiddelimita s-suġġett u l-għan tal-ispezzjoni b'mod wiesa' wisq, u għalhekk tirreferi prattikament għall-aġir kollu tar-rikorrenti fis-settur tat-trasport ferrovjarju ta' persuni fir-Repubblika Ċeka.

30 Fil-fatt, is-suġġett tal-ispezzjoni huwa ddelimitat b'mod wiesa' wisq f'termini territorjali, ta' żmien u materjali. Mil-lat territorjali, il-premessa 3 tad-deċiżjoni kkontestata tirreferi għal eventwali ksur imwettaq b'mod partikolari fuq ir-rotta Praga-Ostrava, iżda ma tieqafx hemmhekk. Fir-rigward tal-delimitazzjoni ta' żmien, il-formulazzjoni użata tirreferi ċertament għall-bidu tal-aġir eżaminat fl-2011, iżda ma tipprekludix lill-Kummissjoni milli teżamina wkoll perijodi preċedenti kif ukoll kwalunkwe perijodu sussegwenti. Mil-lat materjali, l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata jindika li l-ksur issuspettat "jinkludi b'mod partikolari" il-prattika ta' prezzijiet iktar baxxi mill-prezz tal-produzzjoni, u jirreferi għalhekk ukoll kull forma oħra ta' ksur tal-Artikolu 102 TFUE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tidentifikax is-suq inkwistjoni.

31 Minbarra dan, id-deċiżjoni kkontestata ma tiddeskrivix konkretament il-fatti u l-preżunzjonijiet li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tivverifika u lanqas ma ssemmi indizji li jiġġustifikaw is-suspett tagħha (fir-rigward tal-aħħar ilment, ara l-punt 26 iktar 'il fuq).

32 Għalhekk, id-deċiżjoni kkontestata ppermettiet lill-Kummissjoni tipproċedi b'"sajda għall-informazzjoni" u li tinteressa ruħha mhux biss fid-dokumenti dwar il-wasla tat-trasportaturi kompetittivi fuq ir-rotta Praga-Ostrava, iżda wkoll f'dokumenti oħra. Fil-fatt, kien fuq dawn id-dokumenti meħuda waqt l-ispezzjoni inkwistjoni (Falcon), iżda mhux relatati mar-rotta Praga-Ostrava, li l-Kummissjoni bbażat ruħha sabiex tordna t-tieni spezzjoni (Twins), li hija s-suġġett tal-kawża rreġistrata taħt in-Numru: T-621/16, České dráhy vs Il-Kummissjoni.

33 Il-Kummissjoni titlob li ż-żewġ motivi jiġi miċħuda.

34 Preliminarjament, għandu jitfakkar li r-rekwiżit ta' protezzjoni kontra interventi arbitrarji jew sproporzjonati tal-awtoritajiet pubbliċi fl-isfera ta' attività privata ta' persuna, indipendentement minn jekk din hijiex fiżika jew ġuridika, huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Orange vs Il-Kummissjoni, T-402/13, EU:T:2014:991, punt 83 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Għalhekk, għall-finijiet tal-osservanza ta' dan il-prinċipju ġenerali, deċiżjoni ta' spezzjoni għandha tkun intiża sabiex tinġabar id-dokumentazzjoni neċessarja sabiex tiġi vverifikata r-realtà u l-portata ta' sitwazzjonijiet ta' fatt u ta' liġi speċifiċi li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni diġà għandha informazzjoni li tikkostitwixxi indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (ara s-sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Orange vs Il-Kummissjoni, T-402/13, EU:T:2014:991, punt 84 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Fi kliem ieħor, il-pussess ta' indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni huwa kundizzjoni *sine qua non* sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tordna spezzjoni skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

37 Bl-istess mod, dejjem fl-osservanza tal-imsemmi prinċipju ġenerali, it-termini ta' deċiżjoni li tordna spezzjoni ma għandhomx jeċċedu l-portata tal-ksur li jista' jkun issuspettat abbażi ta' tali indizji.

38 Ċertament, fil-prinċipju, il-Kummissjoni ma hija obbligata la li tikkommunika lid-destinatarju ta' tali deċiżjoni l-informazzjoni kollha li għandha f'idejha dwar ksur preżunt, la li tiddelimita b'mod preċiż is-suq inkwistjoni, la li tipproċedi bi klassifikazzjoni legali eżatta ta' dan il-ksur, u lanqas li tindika

l-perijodu li matulu twettaq dan il-ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/11, T-290/11 u T-521/11, EU:T:2013:404, punt 170 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Min-naħa l-oħra, hija għandha tindika, bl-iktar mod preċiż possibbli, il-preżunzjonijiet li hija jkollha l-intenzjoni tivverifika, jiġifieri dak li huwa mfittex u l-elementi li għandhom ikunu s-suġġett tal-ispezzjoni. Għal dan il-għan, hija wkoll obbligata li, f'deċiżjoni li tordna spezzjoni, tipprovdi deskrizzjoni tal-karatteristiċi essenzjali tal-ksur issuspettat, billi tindika s-suq preżunt inkwistjoni u n-natura tar-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni ssuspettati, spjegazzjonijiet fir-rigward tal-mod li bih l-impriża kkonċernata mill-ispezzjoni hija preżunta li hija implikata fil-ksur, kif ukoll il-poteri mogħtija lill-investigaturi tal-Unjoni (ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/11, T-290/11 u T-521/11, EU:T:2013:404, punti 170 u 171 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Barra minn hekk, motivazzjoni eċċessivament konċiża, vaga u ġenerika u, f'ċerti aspetti, ambigwa, ma tistax tissodisfa r-rekwiżiti ta' motivazzjoni stabbiliti mill-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003, sabiex tiġġustifika talba għal informazzjoni li seħħet iktar minn sentejn wara l-ewwel żewġ spezzjonijiet, meta l-Kummissjoni kienet diġà indirizzat diversi talbiet għal informazzjoni lill-impriżi ssuspettati li kienu pparteċipaw fi ksur u diversi xhur wara d-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, u d-deċiżjoni inkwistjoni għalhekk ġiet adottata f'data li fiha l-Kummissjoni diġà kellha informazzjoni li kienet tippermettilha tesponi b'iktar preċiżjoni s-suspetti ta' ksur mill-impriżi inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2016, HeidelbergCement vs Il-Kummissjoni, C-247/14 P, EU:C:2016:149, punt 39).

41 Fi kwalunkwe każ, sa fejn il-motivazzjoni ta' deċiżjoni ta' spezzjoni li tillimita l-kamp tas-setgħat mogħtija lill-membri tal-persunal tal-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2015, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, C-583/13 P, EU:C:2015:404, punt 60), il-prinċipju ġenerali msemmi fil-punt 34 iktar 'il fuq jipprekludi formulazzjonijiet, f'deċiżjoni ta' spezzjoni, li jwessgħu dan il-kamp lil hinn minn dak li jirriżulta mill-indizji suffiċjentement serji li l-Kummissjoni jkollha fid-data tal-adozzjoni ta' tali deċiżjoni.

42 Fil-fatt, huwa b'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju ġenerali li l-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-14 ta' Novembru 2012, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (T-135/09, EU:T:2012:596), sa fejn din id-deċiżjoni kienet tikkonċerna kejbils tal-elettriku għajr kejbils tal-elettriku ta' tensjoni għolja ta' taħt l-ilma u ta' taħt l-art u l-materjal relatat ma' dawn il-kejbils l-oħra, u dan wara li kkonstatat li, jekk, fid-data tal-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni kellha indizji suffiċjentement serji sabiex tordna spezzjoni rigward il-kejbils tal-elettriku ta' tensjoni għolja ta' taħt l-ilma u ta' taħt l-art u l-materjal relatat ma' dawn il-kejbils, min-naħa l-oħra, hija ma kellhiex indizji suffiċjentement serji sabiex tordna spezzjoni dwar il-kejbils tal-elettriku kollha u l-materjal relatat ma' dawn il-kejbils (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2012, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni, T-135/09, EU:T:2012:596, punti 91 sa 94).

43 F'dan il-każ, għalhekk għandu jiġi ddeterminat, minn naħa, jekk il-Kummissjoni kellhiex indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni mir-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, jekk il-kamp ta' spezzjoni limitat bid-deċiżjoni kkontestata kienx ristrett għall-ksur li l-Kummissjoni setgħet tissuspetta abbażi ta' tali indizji.

44 F'dan ir-rigward, qabelxejn, ir-rikorrenti tikkritika lill-Kummissjoni li ma semmiet, fid-deċiżjoni kkontestata, l-ebda prova konkreta li tippermetti li jiġi stabbilit is-suspett tal-aġir antikompetittiv attribwit lilha.

45 Madankollu, jekk, sabiex tistabbilixxi n-natura ġġustifikata tal-ispezzjoni, il-Kummissjoni hija marbuta li, fid-deċiżjoni li tordna spezzjoni, turi b'mod iddettaljat li hija għandha informazzjoni u indizji materjali serji li jwassluha sabiex tissuspetta l-ksur li l-impriża suġġetta għall-ispezzjoni hija ssuspettata bih (ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/11, T-290/11 u T-521/11, EU:T:2013:404, punt 172 u l-ġurisprudenza ċċitata), hija ma tistax tintalab tindika, fl-istadju tal-fażi ta' investigazzjoni preliminari, minbarra l-preżunzjonijiet ta' ksur li għandha l-intenzjoni li tivverifika, l-indizji, jiġifieri l-elementi li jwassluha biex tikkunsidra l-ipoteżi ta' ksur tal-Artikolu 102 TFUE. Fil-fatt, tali obbligu jikkompromettí l-bilanċ li l-ġurisprudenza tistabbilixxi bejn il-ħarsien tal-effikaċja tal-investigazzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tad-difiża tal-impriża kkonċernata (sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Orange vs Il-Kummissjoni, T-402/13, EU:T:2014:991, punt 81).

46 Fil-fatt, minn naħa, il-fażi ta' investigazzjoni preliminari tibda fid-data li fiha l-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilha mill-Artikoli 18 u 20 tar-Regolament Nru 1/2003, tadotta miżuri li jinvolvu l-allegazzjoni ta' twettiq ta' ksur u li għandhom konsegwenzi importanti fuq is-sitwazzjoni tal-impriżi ssuspettati. Min-naħa l-oħra, huwa biss fil-bidu tal-fażi kontradittorja amministrattiva li l-impriża kkonċernata tiġi informata, permezz tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, bl-elementi essenzjali kollha li l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuqhom f'dan l-istadju tal-proċedura, u li din l-impriża għandha dritt ta' aċċess għall-proċess sabiex jiġi ggarantit l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża tagħha. Konsegwentement, huwa biss wara li tintbagħat id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li l-impriża kkonċernata tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ id-drittijiet tad-difiża tagħha. Li kieku dawn id-drittijiet kienu estiżi għall-fażi ta' qabel ma tintbagħat id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, l-effikaċja tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni tkun kompromessa, peress li l-impriża tkun, diġà matul il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, f'pożizzjoni li tidentifika l-informazzjoni li hija magħrufa mill-Kummissjoni u, għaldaqstant, dik li għadha tista' tiġi moħbija minnha (sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Orange vs Il-Kummissjoni, T-402/13, EU:T:2014:991, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li sempliċement kkonstatat, fid-deċiżjoni kkontestata, li hija kellha informazzjoni li tissuġġerixxi "li r-rikorrenti [setgħet] tipprattika prezzijiet inferjuri għall-ispejjeż ta' produzzjoni (predatory pricing) fuq ċerti rotot ferrovjarji, b'mod partikolari (iżda mhux biss) fuq ir-rotta Praga-Ostrava" u "li dan l-allegat ksur [kellu ji]twettaq mill-inqas sa mill-2011, meta kompetitur privat beda jipprovdi servizzi fuq ir-rotta Praga-Ostrava, jew anki qabel, u li dan l-aġir bla dubju tkompla".

48 Madankollu, meta l-qorti tal-Unjoni jkollha, bħal f'din il-kawża, twettaq stħarriġ ta' deċiżjoni ta' spezzjoni sabiex tivverifika jekk din ma hijiex ta' natura arbitrarja, hija għandha taċċerta ruħha li jeżistu indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni mill-impriża kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2012, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni, T-135/09, EU:T:2012:596, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, għall-inqas meta l-impriża destinatarja ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003 jkollha ċerti elementi li jqiegħdu f'dubju n-natura suffiċjentement serja tal-indizji li l-Kummissjoni kellha sabiex tadotta deċiżjoni bħal din, il-qorti tal-Unjoni għandha teżamina dawn l-indizji u tistħarreġ in-natura suffiċjentement serja tagħhom (sentenza tal-14 ta' Novembru 2012, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni, T-135/09, EU:T:2012:596, punt 72).

50 Madankollu, il-verifika tal-eżistenza ta' indizji suffiċjentement serji, fil-pussess tal-Kummissjoni, li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' spezzjoni ma tikkostitwixxix l-uniku mezz li jippermetti lill-Qorti Ġenerali tiżgura ruħha mill-assenza ta' natura arbitrarja tal-imsemmija deċiżjoni (sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Orange vs Il-Kummissjoni, T-402/13, EU:T:2014:991, punt 87).

51 Fil-fatt, l-istħarriġ tal-motivazzjoni ta' deċiżjoni jippermetti wkoll lill-qorti tiżgura ruħha mill-osservanza tal-prinċipju ta' protezzjoni kontra l-interventi arbitrarji u sproporzjonati, sa fejn l-imsemmija motivazzjoni tippermetti li tintwera n-natura ġġustifikata tal-intervent previst ġewwa l-impriżi kkonċernati (ara s-sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Orange vs Il-Kummissjoni, T-402/13, EU:T:2014:991, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-Qorti Ġenerali tista' tikkonkludi li kien hemm assenza ta' natura arbitrarja ta' deċiżjoni ta' spezzjoni, mingħajr ma jkun neċessarju li tivverifika materjalment il-kontenut tal-indizji fil-pussess tal-Kummissjoni fid-data tal-adozzjoni tagħha, jekk hija tqis li l-preżunzjonijiet li din tal-aħħar għandha l-intenzjoni li tivverifika u l-elementi li għandhom ikunu s-suġġett tal-ispezzjoni huma ddefiniti bi preċiżjoni suffiċjenti (sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Orange vs Il-Kummissjoni, T-402/13, EU:T:2014:991, punt 91).

52 F'dan il-każ, il-Kummissjoni indikat fid-deċiżjoni kkontestata:

– l-ewwel nett, li hija għandha "informazzjoni li tissuġġerixxi li [r-rikorrenti] tista' tipprattika prezzijiet inferjuri għall-ispejjeż ta' produzzjoni (predatory pricing) fuq ċerti rotot ferrovjarji, b'mod partikolari (iżda mhux biss) fuq ir-rotta Praga-Ostrava" (premessa 3 tad-deċiżjoni kkontestata);

– it-tieni nett, li kisbet "informazzjoni li tissuġġerixxi li dan l-allegat ksur twettaq mill-inqas sa mill-2011, meta kompetitur privat beda jipprovdi servizzi fuq ir-rotta Praga-Ostrava, jew anki qabel, u li dan l-aġir bla dubju tkompla" (premessa 4 tad-deċiżjoni kkontestata);

– it-tielet nett, li l-ksur tal-Artikolu 102 TFUE msemmi mid-deċiżjoni kkontestata "[kien] jinkludi b'mod partikolari l-prattika ta' prezzijiet inferjuri għall-prezz ta' produzzjoni, li jistgħu jillimitaw l-aċċess ta' terzi għas-suq jew l-iżvilupp tagħhom fis-suq tas-servizzi ta' trasport ferrovjarju ta' persuni" (Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata).

53 Għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata tinkludi fil-kamp ta' spezzjoni inkwistjoni mhux biss eventwali ksur tal-Artikolu 102 TFUE li jikkonsisti fil-prattika ta' prezzijiet predatorji fuq ir-rotta Praga-Ostrava sa mill-2011, iżda wkoll ta' forom oħra ta' ksur tal-Artikolu 102 TFUE, rotot oħra fir-Repubblika Ċeka minbarra r-rotta Praga-Ostrava u l-perijodu preċedenti għall-2011.

54 Issa, il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata ma tippermettix, waħedha, li jiġi preżunt li, fid-data tal-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni effettivament kella indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tal-Artikolu 102 TFUE, kif deskritt fil-punt 53 iktar 'il fuq.

55 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi eżaminat, fl-ewwel lok u fid-dawl ta' elementi rilevanti oħra, jekk, fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kellhiex indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tal-Artikolu 102 TFUE li jikkonsisti fil-prattika ta' prezzijiet predatorji fuq ir-rotta Praga-Ostrava sa mill-2011.

56 Fit-tieni lok, għandu jiġi eżaminat jekk, fl-istess data, il-Kummissjoni kellhiex ukoll indizji suffiċjentement serji dwar forom oħra ta' ksur tal-Artikolu 102 TFUE fuq rotot oħra u fuq il-perijodu preċedenti għall-2011.

*Fuq l-allegata prattika ta' prezzijiet predatorji fuq ir-rotta Praga-Ostrava sa mill-2011*

57 Fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni identifikat tliet sensiliet ta' informazzjoni li wassluha sabiex tadotta d-deċiżjoni kkontestata: informazzjoni rċevuta mingħand il-persuna li għamlet l-ilment, informazzjoni miksuba minn sorsi aċċessibbli għall-pubbliku u l-fajl tal-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni, inkluża l-perizja tal-Università ta' Pardubice.

58 Fir-rigward tat-tielet sensiela ta' informazzjoni, il-Kummissjoni b'mod partikolari ċċitat il-punti 128 sa 130 u 155 sa 157 tal-perizja tal-Università ta' Pardubice. F'dawn il-punti, il-perizja kkonstatat, b'mod partikolari, li l-informazzjoni pprovduta (ara l-punt 3 tal-perizja) ma kinitx tippermetti li jiġi konkluż li ċ-ċifri dwar l-ispejjeż ikkonċernati kienu jirriflettu korrettament is-sitwazzjoni. Il-perizja ġibdet ukoll l-attenzjoni għall-possibbiltà ta' distorsjoni tad-data tar-rikorrenti.

59 Fir-rigward tal-punti tal-perizja tal-Università ta' Pardubice, iċċitati mill-Kummissjoni, ir-rikorrenti ssostni b'mod partikolari li r-riżervi inklużi fihom huma biss marġinali. Dawn huma frażijiet użati komunement li l-esperti għandhom id-drawwa li jużaw biex jiżguraw li l-perizja tagħhom ma tkunx tista' tiġi kkontestata u li l-eventwali responsabbiltà tagħhom tiġi eskluża.

60 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li mill-proċess ta' din il-kawża jirriżulta li l-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni tinvestiga prattika possibbli ta' prezzijiet predatorji, mir-rikorrenti, fuq ir-rotta Praga-Ostrava, u dan mill-2011, jiġifieri l-istess aġir bħal dak li hemm prinċipalment riferiment għalih fid-deċiżjoni kkontestata.

61 Mill-imsemmi proċess jirriżulta wkoll li, matul l-imsemmija investigazzjoni, l-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni ġabret eluf ta' paġni ta' provi, miksuba prinċipalment mir-rikorrenti u mit-trasportaturi kompetituri (RegioJet u LEO Express).

62 Fir-rigward tal-perizja tal-Università ta' Pardubice, l-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li, fil-punti 128 sa 130 ta' din il-perizja, invokati mill-Kummissjoni u li jinsabu taħt it-titolu "Trasferiment ta' spejjeż bejn il-partijiet prinċipali differenti tat-trasport ferrovjarju pubbliku" huwa indikat kif ġej:

– "[*kunfidenzjali*]",

– "[*kunfidenzjali*]",

– "[*kunfidenzjali*]".

63 It-tieni nett, fi-punti 155 sa 157 tal-perizja tal-Università ta' Pardubice, invokati huma wkoll mill-Kummissjoni u li jinsabu taħt it-titolu "Identifikazzjoni ta' ċerti kontradizzjonijiet fl-osservazzjonijiet tar-[rikorrenti], hemm dan li ġej:

– "[*kunfidenzjali*]",

– "[*kunfidenzjali*]"; f'dan ir-rigward, il-perizja tirriproduċi ċ-ċitazzjoni li ġejja: "[*kunfidenzjali*]".

64 It-tielet nett, fi-punti 158 sa 161 tal-perizja tal-Università ta' Pardubice, taħt it-titolu "Kontradizzjonijiet fl-osservazzjonijiet tar-rikorrenti dwar il-parti tal-ispejjeż varjabbli u tal-ispejjeż fissi", huwa indikat li "[*kunfidenzjali*]" u li "[*kunfidenzjali*]".

65 Għandu jiġi kkonstatat li l-osservazzjonijiet preċedenti, kuntrarjament għall-allegazzjoni tar-rikorrenti li huma biss frażijiet użati komunement li permezz tagħhom l-esperti jfittxu li jiżguraw li l-perizja tagħhom ma tkunx tista' tiġi kkontestata u li l-eventwali responsabbiltà tagħhom tiġi eskluża, juru, għalkemm indirettament, li l-Kummissjoni kellha raġunijiet validi sabiex tissuspetta ksur tal-Artikolu 102 TFUE mir-rikorrenti u li hija, għaldaqstant, kienet intitolata li tordna l-ispezzjoni inkwistjoni.

66 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, sabiex verifiki jkunu ġġustifikati, ma huwiex neċessarju li l-informazzjoni li l-Kummissjoni jkollha tkun ta' natura li tistabbilixxi mingħajr ebda dubju raġonevoli l-eżistenza tal-ksur ikkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, dan il-livell ta' prova huwa meħtieġ fir-rigward ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li fihom hija tikkonstata l-eżistenza ta' ksur u timponi

multi. Min-naħa l-oħra, sabiex tadotta deċiżjoni ta' verifika fis-sens tal-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003, huwa suffiċjenti li hija jkollha elementi u indizji materjali serji li jwassluha sabiex tissuspetta l-eżistenza ta' ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Marzu 2014, Cementos Portland Valderrivas vs Il-Kummissjoni, T-296/11, EU:T:2014:121, punt 43, u tad-29 ta' Frar 2016, EGL *et* vs Il-Kummissjoni, T-251/12, mhux ippubblikata, EU:T:2016:114, punt 149).

67 Issa, fid-dawl tal-elementi irrilevati hawn fuq, jidher li l-Kummissjoni kellha tali indizji.

68 Barra minn hekk, anki jekk wieħed jassumi li l-argument tar-rikorrenti li l-provi miġbura mill-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni juru li d-dħul tagħha fuq ir-rotta Praga-Ostrava minn dejjem kien ogħla mill-ispejjeż varjabbli huwa fondat, huwa suffiċjenti li jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, huma wkoll kuntrarji għall-Artikolu 102 TFUE l-prezzijiet iktar baxxi mill-medja tal-ispejjeż totali, li jinkludu l-ispejjeż fissi u l-ispejjeż varjabbli, iżda ogħla mill-medja tal-ispejjeż varjabbli, jekk jiġu ffissati fil-kuntest ta' pjan li jkollu bħala għan li jelimina kompetitur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Lulju 1991, AKZO vs Il-Kummissjoni, C-62/86, EU:C:1991:286, punt 72).

69 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-assenza ta' indizji suffiċjentement serji hija wkoll ikkorroborata mill-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fuq ir-rotta Praga-Ostrava, ikkaratterizzata minn livell għoli ta' kompetizzjoni, il-Kummissjoni tosserva ġustament li l-fatt li l-istrateġija tal-impriża li tibbenefika minn pożizzjoni dominanti ma kellhiex is-suċċess mistenni ma jfissirx li l-aġir predatorju ma wassalx għal distorsjoni tal-kompetizzjoni.

70 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ilment ibbażat fuq l-assenza ta' indizji suffiċjentement serji li jippermetti li jiġi ssuspettat ksur tal-Artikolu 102 TFUE mir-rikorrenti, li jikkonsisti fil-prattika ta' prezzijiet predatorji fuq ir-rotta Praga-Ostrava mill-2011, għandu jiġi miċħud.

71 Madankollu, sa fejn l-investigazzjoni mmexxija mill-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni tirrigwarda biss l-allegata prattika ta' prezzijiet predatorji fuq ir-rotta Praga-Ostrava sa mill-2011, din il-konklużjoni ma tistax tiġi trasposta, fuq din il-bażi biss, għal forom oħra ta' ksur tal-Artikolu 102 TFUE, għal rotot oħrajn minbarra r-rotta Praga-Ostrava jew għall-perijodu preċedenti għall-2011.

72 Konsegwentement, fil-preżent, għandhom jiġu eżaminati l-indizji li l-Kummissjoni kellha f'dan ir-rigward, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni r-risposta tagħha għall-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura.

*Fuq forom oħra ta' ksur tal-Artikolu 102 TFUE, rotot oħra minbarra r-rotta Praga-Ostrava u l-perijodu preċedenti għall-2011*

*– Fuq forom oħra ta' ksur tal-Artikolu 102 TFUE*

73 L-ewwel nett, il-Kummissjoni ammettiet, fir-risposta tagħha tagħha għall-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura hawn fuq imsemmija, li hija ma kellhiex indizji li jippermettu li jiġu ssuspettati forom oħra ta' ksur tal-Artikolu 102 TFUE.

74 It-tieni nett, hija enfasizzat li, skont ġurisprudenza stabbilita, meta hija tapplika l-Artikolu 102 TFUE, hija obbligata li teżamina l-istrateġija kummerċjali tal-kumpannija li hija suġġetta għall-investigazzjoni, li jista' jiżvela l-eżistenza ta' intenzjoni jew ta' pjan ta' eliminazzjoni tal-kompetizzjoni.

75 Fl-osservazzjonijiet tagħha fuq ir-risposta tal-Kummissjoni għall-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, ir-rikorrenti kkontestat dan l-argument tal-aħħar. Il-fatt li l-Kummissjoni hija obbligata li teżamina l-istrateġija kummerċjali tagħha ma jistax fi kwalunkwe każ jiġġustifika l-estensjoni tas-suġġett tal-ispezzjoni inkwistjoni għall-forom ta' ksur għar-regoli tal-kompetezzjoni li għalihom hija ma kellhiex indizji suffiċjentement serji.

76 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, sabiex tiġi evalwata l-legalità tal-politika ta' prezzijiet applikata minn impriża dominanti, għandu, bħala prinċipju, isir riferiment għal kriterji ta' prezzijiet ibbażati fuq l-ispejjeż inkorsi mill-impriża dominanti nnifisha u fuq l-istrateġija ta' din (ara s-sentenza tas-17 ta' Frar 2011, TeliaSonera Sverige, C-52/09, EU:C:2011:83, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

77 Bl-istess mod, mill-ġurisprudenza jirriżulta li huma wkoll kuntrarji għall-Artikolu 102 TFUE l-prezzijiet iktar baxxi mill-medja tal-ispejjeż totali, li jinkludu l-ispejjeż fissi u l-ispejjeż varjabbli, iżda ogħla mill-medja tal-ispejjeż varjabbli, jekk jiġu ffissati fil-kuntest ta' pjan li jkollu bħala għan li jelimina lil kompetitur (sentenza tat-3 ta' Lulju 1991, AKZO vs Il-Kummissjoni, C-62/86, EU:C:1991:286, punt 72).

78 Għalhekk, meta l-Kummissjoni jkollha indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tal-Artikolu 102 TFUE li jikkonsisti fil-prattika ta' prezzijiet predatorji, l-investigazzjoni tagħha tista' tirrigwarda l-istrateġija tal-impriża kkonċernata. Barra minn hekk, fit-tmiem tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ssegwi dan ir-raġunament billi tindika li, minbarra l-prattika ta' prezzijiet taħt il-prezz ta' produzzjoni, li jistgħu jillimitaw l-aċċess ta' terzi għas-suq jew l-iżvilupp tagħhom fis-suq tas-servizzi ta' trasport ferrovjarju ta' persuni, l-ispezzjoni ser tirrigwarda wkoll "kwalunkwe strateġija li jkollha l-istess effett". Barra minn hekk, dan l-element qatt ma ġie kkontestat mir-rikorrenti.

79 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ġustament issostni li dan ir-raġunament ma jistax jikkostitwixxi raġuni valida għall-estensjoni tas-suġġett tal-ispezzjoni inkwistjoni għal forom oħra ta' ksur.

80 Fil-fatt, fid-dawl b'mod partikolari tal-prinċipju ġenerali msemmi fil-punt 34 iktar 'il fuq, l-istess raġunament ma jistax jiġġustifika l-kliem tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata li bihom il-ksur "jinkludi b'mod partikolari" il-prattika ta' prezzijiet taħt il-prezz ta' produzzjoni, li jista' jinkludi fil-kamp tal-ispezzjoni inkwistjoni kwalunkwe forma oħra ta' ksur tal-Artikolu 102 TFUE, meta l-Kummissjoni ma kellha l-ebda indizju f'dan ir-rigward.

– *Fuq rotot oħra minbarra r-rotta Praga-Ostrava*

81 F'dan ir-rigward, minn naħa, il-Kummissjoni pproduċiet, fir-risposta tagħha għall-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura adottati mill-Qorti Ġenerali, żewġ ilmenti, bid-data tas-17 ta' Ottubru 2014 u tal-1 ta' Marzu 2016, li kienu indirizzati lilha minn LEO Express.

82 Iż-żewġ ilmenti fihom indizji relatati mar-rotta Praga-Košice, belt li tinsab fil-Lvant tar-Repubblika Slovakka. Barra minn hekk, l-ilment tal-1 ta' Marzu 2016 fih indizji relatati ma' żewġ rotot interjuri oħra Ostrava-Kolín u Olomouc-Kolín.

83 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni insistiet fuq il-fatt li setgħu jinsiltu mid-dokumenti li ma jirrigwardawx ir-rotta Praga-Ostrava elementi utli sabiex tiġi investigata l-eżistenza ta' prattiki antikompetittivi fir-rigward ta' din l-aħħar rotta, peress li huma jindirizzaw il-kwistjoni tal-ispejjeż fuq rotot ferrovjarji oħra u, għaldaqstant, jikkostitwixxu standard għat-tqassim tas-soltu tal-ispejjeż bejn id-diversi rotot.

84 Fl-osservazzjonijiet tagħha fuq ir-risposta tal-Kummissjoni għall-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, ir-rikorrenti kkontestat dawn l-elementi. Fil-fehma tagħha, id-dokumenti prodotti mill-Kummissjoni ma fihom l-ebda indizju li jippermetti li jiġi ssuspettat aġir antikompetittiv min-naħa tagħha fuq ir-rotta Praga-Košice. Fir-rigward tar-rotot Ostrava-Kolín u Olomouc-Kolín, hija ssostni li dawn ir-rotot fir-realtà jagħmlu parti integrali mir-rotta Praga-Ostrava.

85 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li, jekk iż-żewġ ilmenti fihom informazzjoni relatata mar-rotta Praga-Košice, din l-informazzjoni ma tikkostitwixxix indizji suffiċjentement serji li jippermettu li tiġi ssuspettata prattika ta' prezzijiet predatorji wkoll fuq din ir-rotta. F'dawn l-ilmenti, huwa biss indikat li r-rikorrenti abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha billi ddeċidiet li terġa' tintroduċi l-ferroviji tagħha SC Pendolino fuq din ir-rotta, b'reazzjoni għall-intenzjonijiet analogi ta' LEO Express, filwaqt li hija kienet waqqfet l-użu ta' dawn il-ferroviji fuq din l-istess rotta minħabba l-użu limitat minnhom.

86 F'dan ir-rigward, jitfakkar li l-Kummissjoni ammettiet li kellha biss indizji li jippermettulha li tissuspetta ksur li jikkonsisti fl-applikazzjoni ta' prezzijiet predatorji.

87 Anki jekk jitqies li l-informazzjoni inkwistjoni tista' tindika indirettament il-prattika ta' prezzijiet predatorji wkoll fuq ir-rotta Praga-Košice, il-fatt li tiġi inkluża din ir-rotta fis-suġġett tal-ispezzjoni Falcon huwa, fi kwalunkwe każ, inkompatibbli mal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, li jillimita s-suġġett tiegħu għat-territorju tar-Repubblika Ċeka.

88 Fit-tieni lok, fir-rigward tar-rotot Ostrava-Kolín u Olomouc-Kolín, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat, bħalma għamlet ir-rikorrenti, li huma jifformaw parti integrali mir-rotta Praga-Ostrava. Fil-fatt, l-ibliet ta' Kolín u ta' Olomouc jinsabu fuq ir-rotta Praga-Ostrava, bejn dawn iż-żewġt ibliet. Minn dan isegwi li r-rotot Ostrava-Kolín u Olomouc-Kolín huma diġà koperti mit-termini tad-deċiżjoni kkontestata li jsemmu espliċitament ir-rotta Praga-Ostrava.

89 Għalhekk għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma kellhiex indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat li r-rikorrenti kienet tipprattika prezzijiet predatorji fuq rotot oħra minbarra r-rotta Praga-Ostrava.

90 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkonferma hija stess din il-konklużjoni, għall-inqas impliċitament, meta tinsisti fuq l-importanza tal-informazzjoni dwar rotot oħra għall-eżami tal-każ tar-rotta Praga-Ostrava.

91 Fi kwalunkwe każ, anki jekk jitqies li dan l-aħħar raġunament huwa fondat, huwa ma jippermettix lill-Kummissjoni tafferma, fid-deċiżjoni kkontestata, li hija kellha informazzjoni li tissuġġerixxi li r-rikorrenti pprattikat prezzijiet predatorji "fuq ċerti rotot ferrovjarji b'mod partikolari (iżda mhux biss) fuq ir-rotta Praga-Ostrava", meta hija kellha indizji suffiċjentement serji biss fir-rigward ta' din ir-rotta tal-aħħar.

*– Fuq il-perijodu preċedenti għall-2011*

92 F'dan ir-rigward, mill-proċess jirriżulta li l-ewwel kompetitur tar-rikorrenti, RegioJet, bdiet topera fuq ir-rotta Praga-Ostrava biss f'Settembru 2011 u kien biss minn din id-data li l-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni investigat l-aġir allegatament abbużiv tar-rikorrenti fuq l-imsemmija rotta.

93 Madankollu, fir-risposta tagħha għall-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura adottati mill-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni pproduċiet dokument bid-data tal-4 ta' Ottubru 2010.

94 Skont ir-rikorrenti, dan id-dokument, jiġifieri lment minn RegioJet, ma fih l-ebda element rilevanti. Huwa jikkonsisti biss fi spekulazzjonijiet ta' din tal-aħħar.

95 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, minkejja li d-dokument prodott mill-Kummissjoni huwa biss ilment ippreżentat minn kompetitur tar-rikorrenti, huwa fformulat b'mod koerenti u jirreferi, għall-perijodu preċedenti għall-2011, għall-istess aġir li għalih, għall-perijodu mill-2011, il-Kummissjoni kellha indizji suffiċjentement serji.

96 Barra minn hekk, jekk huwa minnu li l-ewwel kompetitur tar-rikorrenti, RegioJet bdiet tuża r-rotta Praga-Ostrava biss fl-2011, u t-tieni wieħed, LEO Express, biss fl-2012, dan ma jeskludix fih innifsu l-possibbiltà ta' aġir abbużiv min-naħa tar-rikorrenti qabel din id-data. Fil-fatt, jista' jiġi raġonevolment preżunt li, sabiex taffronta kompetituri ġodda, impriża f'pożizzjoni dominanti ma tistenniex id-dħul tal-kompetizzjoni fis-suq inkwistjoni, iżda taġixxi, diġà qabel dan id-dħul, sabiex tipprekludiha jew tirrendiha iktar diffiċili.

97 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni setgħet tikkunsidra, fid-deċiżjoni kkontestata, il-perijodu "mill-inqas sa mill-2011" bħala perijodu probabbli tal-ksur issuspettat.

– *Konklużjoni intermedjarja*

98 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż li, fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma kellhiex indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tal-Artikolu 102 TFUE mir-rikorrenti, li jikkonsisti f'forom oħra minbarra l-allegata prattika ta' prezzijiet predatorji jew li jikkonċerna rotot oħra minbarra r-rotta Praga-Ostrava. Min-naħa l-oħra, hija kellha raġun tikkunsidra, bħala perijodu probabbli tal-ksur inkwisjtoni, dak li beda "mill-inqas" fl-2011.

*Konklużjoni fuq it-tieni u t-tielet motiv*

99 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandhom jintlaqgħu parzjalment it-tieni u t-tielet motiv ta' dan ir-rikors u għandha tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn hija tirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 102 TFUE fuq rotot oħrajn minbarra r-rotta Praga-Ostrava u forom oħra ta' ksur minbarra l-allegata prattika ta' prezzijiet predatorji.

100 Huwa fid-dawl ta' din il-konklużjoni li, fil-preżent, għandhom jiġu analizzati l-motivi l-oħra tar-rikors.

***Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq in-natura arbitrarja u sproporzjonata tad-deċiżjoni kkontestata***

101 Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tikkostitwixxi intervent arbitrarju u sproporzjonat.

102 F'dan ir-rigward, qabelxejn, ir-rikorrenti tirrileva li l-Kummissjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha diversi eluf ta' paġni ta' provi li joħorġu mill-proċedura quddiem l-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, din tal-aħħar diġà pproċediet hija stess għal spezzjoni-sorpriża fis-sede tar-rikorrenti. Barra minn hekk, ir-rikorrenti pprovdiet l-assistenza massima tagħha lill-imsemmija awtorità matul il-proċedura amministrattiva mmexxija minnha. Konsegwentement, is-sitwazzjoni fattwali li kienet determinanti għall-investigazzjoni mmexxija mill-Kummissjoni ġiet irreġistrata fid-dettall fil-fajl tal-imsemmija awtorità u l-Kummissjoni ma setgħetx tittama li tikseb, matul l-ispezzjoni inkwistjoni, provi rilevanti addizzjonali.

103 Sussegwentement, ir-rikorrenti tqis li kien possibbli li wieħed jasal għall-istess riżultat b'mod inqas invażiv, pereżempju permezz ta' talba għal informazzjoni.

104 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tenfasizza li l-aġir inkwistjoni huwa diġà s-suġġett ta' żewġ proċeduri ġudizzjarji mressqa miż-żewġ kompetituri RegioJet u LEO Express.

105 Fl-aħħar nett, id-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn is-suġġett tal-ispezzjoni kien ifformulat b'mod wiesa' wisq.

106 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

107 L-ewwel parti tal-motiv, ibbażata fuq in-natura arbitrarja tad-deċiżjoni kkontestata, għandha tiġi miċħuda mill-bidu.

108 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza jirriżulta li deċiżjoni ta' spezzjoni hija ta' natura arbitrarja biss meta tkun ġiet adottata fl-assenza ta' kwalunkwe ċirkustanza ta' fatt li tista' tiġġustifika spezzjoni. Dan ma huwiex il-każ meta hija intiża sabiex tiġbor id-dokumentazzjoni neċessarja sabiex jiġu vverifikati r-realtà u l-portata ta' sitwazzjoni ta' fatt u ta' liġi partikolari li dwarha l-Kummissjoni diġà għandha indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni mill-impriża kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2012, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni, T-135/09, EU:T:2012:596, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

109 Issa, mill-eżami tat-tieni u t-tielet motiv jirriżulta, minn naħa, li l-Kummisjoni kellha indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tal-Artikolu 102 TFUE li jikkonsisti fil-prattika ta' prezzijiet predatorji fuq ir-rotta Praga-Ostrava mill-inqas sa mill-2011 u, min-naħa l-oħra, li d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata sa fejn hija tirrigwarda forom oħra ta' ksur tal-Artikolu 102 TFUE u rotot oħra, u dan minħabba l-assenza ta' indizji suffiċjentement serji f'dan ir-rigward.

110 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-deċiżjoni kkontestata ma hijiex ta' natura arbitrarja.

111 Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

112 Fir-rigward tat-tieni parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq in-natura sproporzjonata tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jitfakkar li, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jeċċedu dak li jkun neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattati (Artikolu 5(4) TUE).

113 B'dan il-mod, dan il-prinċipju jirrikjedi li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma jaqbżux il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex, filwaqt li, meta jkun hemm possibbiltà ta' għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel dik l-inqas restrittiva, u l-inkonvenjenzi kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxa (ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/11, T-290/11 u T-521/11, EU:T:2013:404, punt 192 u l-ġurisprudenza ċċitata).

114 Madankollu, l-għażla li għandha ssir mill-Kummissjoni bejn, minn naħa, spezzjoni mwettqa fuq sempliċi mandat, jew talba għal informazzjoni, u, min-naħa l-oħra, spezzjoni ordnata permezz ta' deċiżjoni ma tiddependix minn ċirkustanzi bħall-gravità partikolari tas-sitwazzjoni, l-urġenza estrema jew in-neċessità ta' diskrezzjoni assoluta, iżda minn neċessitajiet ta' investigazzjoni adegwata, fid-dawl tal-karatteristiċi tal-każ partikolari. Għalhekk, meta deċiżjoni ta' spezzjoni tkun intiża sempliċement sabiex tippermetti lill-Kummissjoni tiġbor flimkien l-elementi neċessarji sabiex tevalwa l-possibbiltà ta' eżistenza ta' ksur tat-Trattat, tali deċiżjoni ma tiksrix il-prinċipju ta' proporzjonalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/11, T-290/11 u T-521/11, EU:T:2013:404, punt 193 u l-ġurisprudenza ċċitata).

115 Hija l-Kummissjoni li fil-prinċipju għandha tevalwa jekk informazzjoni hijiex neċessarja sabiex ikun jista' jinkixef ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, u, anki jekk hija diġà jkollha indizji, jew saħansitra provi, dwar l-eżistenza ta' ksur, il-Kummissjoni tista' leġittimament tqis neċessarju li tordna verifiki addizzjonali sabiex tkun tista' tiddetermina aħjar il-ksur jew it-tul tiegħu (ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/11, T-290/11 u T-521/11, EU:T:2013:404, punt 194 u l-ġurisprudenza ċċitata).

116 Għalhekk ma jistax jirnexxi l-argument tar-rikorrenti li bih, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Kummissjoni kellha tuża mezzi inqas invażivi, bħalma hija talba għal informazzjoni skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003, u dan iktar u iktar peress li, fiċ-ċirkustanzi ta' din

il-kawża, l-evalwazzjoni tal-aġir tar-rikorrenti tiddependi, b'mod ċar, fuq informazzjoni li ċertament ma ġietx ikkomunikata volontarjament lill-Kummissjoni u għalhekk ma setgħetx tiġi fil-pussess ta' din tal-aħħar jekk mhux permezz ta' spezzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Marzu 2007, France Télécom vs Il-Kummissjoni, T-340/04, EU:T:2007:81, punti 150 u 153, u tat-12 ta' Lulju 2007, CB vs Il-Kummissjoni, T-266/03, mhux ippubblikata, EU:T:2007:223, punt 65).

117 Barra minn hekk, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata, parzjalment, fuq informazzjoni li tinsab fil-fajl tal-awtorità tal-kompetizzjoni Ċeka, li qed tinvestiga l-istess aġir tar-rikorrenti u li indirizzatilha diversi talbiet għal informazzjoni, huwa probabbli li l-fajl tal-imsemmija awtorità kien diġà fih l-informazzjoni kollha li setgħet tinkiseb b'dan il-mezz.

118 Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata b'mod partikolari fil-punt 115 iktar 'il fuq, l-argument tar-rikorrenti li bih il-Kummissjoni kellha tikkuntenta ruħha bl-informazzjoni li tinsab fil-fajl tal-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni lanqas ma jista' jiġi aċċettat.

119 Fir-rigward tal-argument li bih l-istess aġir tar-rikorrenti huwa diġà s-suġġett ta' investigazzjoni amministrattiva u ta' żewġ proċeduri ġudizzjarji fuq il-livell nazzjonali, biżżejjed jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, ma jistax jiġi dedott mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1/2003 li, meta awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tkun bdiet tinvestiga fuq fatti partikolari, il-Kummissjoni hija immedjatament prekluża milli tieħu azzjoni fil-każ jew milli tinteressa ruħha b'mod preliminari. Bil-kontra, dawn iż-żewġ awtoritajiet jistgħu, għall-inqas fl-istadji preliminari bħal fl-investigazzjonijiet, jaħdmu b'mod parallel u l-Kummissjoni żżomm il-possibbiltà li tiftaħ proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjoni anki jekk awtorità nazzjonali tkun diġà qiegħda tittratta l-każ. *A fortiori*, il-Kummissjoni għandha tkun tista' wkoll twettaq spezzjoni, peress li deċiżjoni li tordna spezzjoni tikkostitwixxi biss att preparatorju għat-trattament fuq il-mertu tal-każ, u ma għandhiex l-effett tal-ftuħ formali tal-proċedura fis-sens tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament Nru 1/2003 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Marzu 2007, France Télécom vs Il-Kummissjoni, T-340/04, EU:T:2007:81, punt 129 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan il-prinċipju ġie rrikonoxxut fil-każijiet fejn l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tapplika l-Artikoli 101 jew 102 TFUE. Huwa japplika, iktar u iktar, fil-każijiet fejn l-investigazzjoni mmexxija mill-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tkun ibbażata biss fuq id-dritt nazzjonali. Issa, dan huwa preċiżament il-każ hawnhekk.

120 Bl-istess mod, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, sabiex tissodisfa r-rwol assenjat lilha mit-Trattat, il-Kummissjoni ma tistax tkun marbuta b'deċiżjoni mogħtija minn qorti nazzjonali b'applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE u tal-Artikolu 102 TFUE. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha d-dritt li tieħu, f'kull mument, deċiżjonijiet individwali għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, anki meta ftehim jew prattika jkunu diġà s-suġġett ta' deċiżjoni ta' qorti nazzjonali u d-deċiżjoni prevista mill-Kummissjoni tkun f'kontradizzjoni mal-imsemmija deċiżjoni ġudizzjarja (ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/11, T-290/11 u T-521/11, EU:T:2013:404, punt 200 u l-ġurisprudenza ċċitata).

121 Konsegwentement, il-proċeduri pendenti quddiem il-qrati Ċeki lanqas ma jistgħu jipprekludu lill-Kummissjoni milli tipproċedi bi spezzjoni sorpriża, bħal dik ordnata permezz tad-deċiżjoni kkontestata.

122 Barra minn hekk, fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga) tal-10 ta' Diċembru 2005, imsemmija fil-punt 8 iktar 'il fuq, għandu jiġi rrilevat li d-deċiżjoni kkontestata ma hijiex f'kontradizzjoni ma' din id-deċiżjoni. Fil-fatt, permezz tad-deċiżjoni tagħha, il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga) ċaħdet ir-rikors għal kumpens ippreżentat minn LEO Express kontra r-rikorrenti, għar-raġuni li LEO Express ma kinitx uriet ir-rabta ta' kawżalità bejn id-dannu subit u l-aġir allegatament antikompetittiv tar-rikorrenti. Madankollu, wara din il-konstatazzjoni, ma kienx għadu neċessarju li tiġi deċiża l-kwistjoni tan-natura antikompetittiva tal-aġir ta' din tal-aħħar u, konsegwentement, il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga) ma għamlitx dan.

123 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti bbażat fuq is-sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Orange vs Il-Kummissjoni (T-402/13, EU:T:2014:991), li fiha l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-eżami tal-fajl li kien għand l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni ma kienx jikkostitwixxi alternattiva għall-użu ta' miżura ta' spezzjoni, peress li l-imsemmija awtorità ma kienet wettqet l-ebda spezzjoni fil-bini tal-impriża kkonċernata u peress li d-deċiżjoni tagħha għaldaqstant kienet ittieħdet biss abbażi ta' informazzjoni li r-rikorrenti ssottomettiet volontarjament, għandu jiġi osservat li l-Qorti Ġenerali pproċediet għal tali kunsiderazzjoni sabiex tegħleb il-fatt li, f'din il-kawża, il-Kummissjoni kienet għażlet miżura ta' spezzjoni mingħajr ma vverifikat minn qabel l-informazzjoni li l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni setgħet tikseb fir-rigward ta' aġir simili (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Orange vs Il-Kummissjoni, T-402/13, EU:T:2014:991, punti 55 u 56). Issa, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-Kummissjoni kkonsultat il-fajl tal-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni u ma pproċedietx bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata ħlief wara din il-konsultazzjoni.

124 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq il-fatt li s-suġġett tal-ispezzjoni inkwistjoni kien ifformulat b'mod wiesa' wisq fid-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi osservat li dan diġà ġie eżaminat fil-kuntest tat-tieni u t-tielet motiv u li, wara dan l-eżami, ġie konkluż li kellha tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata sa fejn kienet tirrigwarda kwalunkwe rotta oħra minbarra r-rotta Praga-Ostrava u sa fejn kienet tirreferi għal kwalunkwe aġir ieħor minbarra l-allegata prattika ta' prezzijiet predatorji.

125 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-termini tad-deċiżjoni kkontestata li jindikaw il-perijodu li matulu twettaq il-ksur, "mill-inqas sa mill-2011", il-Qorti Ġenerali kkonstatat, dejjem fil-kuntest tal-eżami tat-tieni u t-tielet motiv, li l-Kummissjoni kellha indizji rigward mhux biss il-perijodu mill-2011, iżda wkoll rigward il-perijodu preċedenti għall-2011.

126 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata li tindika l-perijodu li matulu twettaq il-ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/11, T-290/11 u T-521/11, EU:T:2013:404, punt 170 u l-ġurisprudenza ċċitata).

127 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-deċiżjoni kkontestata ma tistax titqies bħala sproporzjonata għar-raġuni li s-suġġett tal-ispezzjoni kien ifformulat fiha b'mod wiesa' wisq.

128 Konsegwentement, għandha tiġi miċħuda wkoll it-tieni parti tal-ewwel motiv, u, għaldaqstant, dan il-motiv kollu kemm hu.

### *Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri u fuq l-assenza ta' pożizzjoni dominanti tar-rikorrenti fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu*

129 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma kinitx kompetenti sabiex tadotta d-deċiżjoni kkontestata u sabiex twettaq l-ispezzjoni. Fil-fatt, peress li r-rotta Praga-Ostrava, b'tul ta' 356 kilometru, hija negliġibbli fuq il-livell tan-netwerk ferrovjarju Ewropew, l-allegat aġir antikompetittiv tar-rikorrenti ma jistax jaffettwa b'mod sinjifikattiv il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma tokkupax pożizzjoni dominanti fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu. Fil-fatt, fid-dawl tal-importanza marġinali tiegħu fuq il-livell Ewropew, it-trasport ferrovjarju fuq ir-rotta Praga-Ostrava ma jistax jitqies bħala parti sostanzjali tas-suq intern.

130 Ir-rikorrenti żżid li dan il-motiv jikkompleta t-tieni motiv, u bil-kontra, b'mod partikolari fir-rigward tal-portata ġeografika tal-ispezzjoni inkwistjoni.

131 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

132 Skont l-Artikolu 102 TFUE, sa fejn il-kummerċ bejn l-Istati Membri jista' jiġi affettwat minnu, kull abbuż minn impriża waħda jew iktar minn pożizzjoni dominanti fis-suq intern, jew f'parti sostanzjali tiegħu, huwa inkompatibbli mas-suq intern u huwa pprojbit.

133 F'dan ir-rigward, preliminarjament, għandu jitfakkar li l-kundizzjoni li ftehim jew prattika antikompetittivi huma pprojbiti sa fejn il-kummerċ bejn l-Istati Membri jista' jiġi affettwat minnhom hija intiża sabiex tiddetermina dak li huwa kopert mid-dritt tal-Unjoni meta mqabbel ma' dak li huwa kopert mill-Istati Membri. Huwa, fil-fatt, sa fejn il-ftehim jew il-prattika jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri li t-tibdil tal-kompetizzjoni pprovokat minn dan il-ftehim jew minn din il-prattika jaqa' taħt il-projbizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, filwaqt li, fil-każ kuntrarju, huwa eskluż (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 1966, Consten u Grundig vs Il-Kummissjoni, 56/64 u 58/64, EU:C:1966:41, p. 495).

134 B'mod iktar konkret, it-titolu stess tar-Regolament Nru 1/2003 juri li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni permezz ta' dan ir-regolament għandhom bħala għan l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni previsti fl-Artikoli 101 u 102 TFUE. Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jipprojbixxu ċertu aġir min-naħa ta' impriżi sa fejn dan ikun jista' jaffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri u sa fejn ikollu bħala għan jew effett li jipprekludi, jirrestrinġi jew ifixkel il-kompetizzjoni fis-suq komuni. Għalhekk, il-Kummissjoni tista' tuża s-setgħat tagħha ta' spezzjoni biss sabiex ikun jista' jinkixef aġir bħal dan (sentenza tal-14 ta' Novembru 2012, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni, T-135/09, EU:T:2012:596, punt 99).

135 Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, il-Kummissjoni għalhekk tiżbalja meta ssostni li l-kundizzjoni li ftehim jew prattika antikompetittiva huma pprojbiti sa fejn il-kummerċ bejn l-Istati Membri jista' jkun affettwat minnhom tirrigwarda biss il-mertu, jiġifieri l-evalwazzjoni tal-legalità ta' eventwali deċiżjoni finali tal-Kummissjoni, u għalhekk ma taqax taħt l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni kkontestata.

136 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk din il-kundizzjoni (iktar 'il quddiem l-"ewwel kundizzjoni") hijiex issodisfatta fir-rigward tal-ksur issuspettat, u dan fid-dawl tal-konstatazzjoni magħmula waqt l-eżami tat-tieni u t-tielet motiv li l-Kummissjoni ma kellhiex indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni fuq rotot oħra minbarra r-rotta Praga-Ostrava.

137 Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li l-ksur issuspettat mill-Kummissjoni f'din il-kawża huwa ksur tal-Artikolu 102 TFUE, għandha tiġi eżaminata wkoll il-kundizzjoni li biha huwa pprojbit li tiġi sfruttata b'mod abbużiv pożizzjoni dominanti fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu (iktar 'il quddiem it-"tieni kundizzjoni").

138 Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, għandu jitfakkar preliminarjament li, jekk huwa minnu li l-aġir li l-effetti tiegħu jinsabu fit-territorju ta' Stat wieħed biss jaqa' fil-qasam tal-ordinament ġuridiku nazzjonali u mhux fil-qasam tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Mejju 1979, Hugin Kassaregister u Hugin Cash Registers vs Il-Kummissjoni, 22/78, EU:C:1979:138, punt 17), jibqa' l-fatt li, meta d-detentur ta' pożizzjoni dominanti jimblokka l-aċċess għas-suq lil kompetituri, huwa irrilevanti li dan l-aġir seħħ fit-territorju ta' Stat Membru wieħed, ladarba jista' jkollu effetti fuq it-tendenzi tal-kummerċ u fuq il-kompetizzjoni fis-suq intern (sentenza tad-9 ta' Novembru 1983, Nederlandsche Banden-Industrie-Michelin vs Il-Kummissjoni, 322/81, EU:C:1983:313, punt 103).

139 Barra minn hekk, l-Artikolu 102 TFUE ma jeżiġix li jiġi stabbilit li l-aġir abbużiv affettwa b'mod sinjifikattiv il-kummerċ bejn l-Istati Membri, iżda jitlob li jiġi stabbilit li dan l-aġir huwa ta' natura li jkollu tali effett (sentenza tad-9 ta' Novembru 1983, Nederlandsche Banden-Industrie-Michelin vs Il-Kummissjoni, 322/81, EU:C:1983:313, punt 104).

140 Fil-fatt, sabiex ikun jista' jkollhom effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, deċiżjoni, ftehim jew prattika għandhom, abbażi ta' numru ta' elementi oġġettivi ta' liġi jew ta' fatt, jippermettu li wieħed jipprevedi b'livell ta' probabbiltà suffiċjenti li huma ser jeżerċitaw influwenza diretta jew indiretta, attwali jew potenzjali, fuq it-tendenzi tal-kummerċ bejn l-Istati Membri, u dan b'mod li joħolqu tħassib li huma jistgħu jostakolaw it-twettiq ta' suq wieħed bejn l-Istati Membri (ara s-sentenza tas-16 ta' April 2015, Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej u Telefonia Dialog, C-3/14, EU:C:2015:232, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

141 Issa, f'dan il-każ, huwa paċifiku bejn il-partijiet, l-ewwel nett, li r-rotta Praga-Ostrava hija meqjusa bħala waħda mir-rotot prinċipali fir-Repubblika Ċeka, b'mod partikolari minħabba l-fatt li ma teżistix awtostrada diretta bejn Praga u Ostrava, belt li tinsab madwar tużżana kilometri mill-fruntiera Pollakka u tużżani ta' kilometri mill-fruntiera Slovakka, it-tieni nett, li t-trasportaturi kompetituri attivi fuq ir-rotta Praga-Ostrava joperaw ukoll fi Stati Membri l-oħra, b'mod partikolari fir-Repubblika Slovakka, u, it-tielet nett, li r-rotta Praga-Ostrava tagħmel parti mir-rotot tat-trasportaturi kompetittivi b'mod partikolari lejn l-imsemmi Stat Membru.

142 Għandu jiġi kkonstatat li, f'tali kuntest, aġir antikompetittiv bħal dak issuspettat mill-Kummissjoni f'dan il-każ jista', b'mod ċar, ikollu konsegwenzi fuq it-tendenzi kummerċjali u fuq il-kompetizzjoni fis-suq intern. Fil-fatt, tali prattika abbużiva hija ta' natura li taffettwa l-pożizzjoni ekonomika tat-trasportaturi kompetituri, attivi f'diversi Stati Membri, u għalhekk tista' taffettwa l-kompetizzjoni mhux biss fuq ir-rotta Praga-Ostrava u fir-Repubblika Ċeka, iżda, għall-inqas indirettament, fuq il-livell iktar estiż tal-Ewropa ċentrali, b'mod partikolari fis-Slovakkja.

143 Ċertament, li kieku l-ksur issuspettat kien, kif tissuġġerixxi r-rikorrenti, limitat għas-sezzjoni li tgħaqqad lil Choceň (ir-Repubblika Ċeka) ma' Brandýs nad Orlicí (ir-Repubblika Ċeka) b'tul ta' 5 kilometri, li tagħmel parti mir-rotta Praga-Ostrava, l-influwenza tiegħu fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri probabbilment kienet tkun żgħira ħafna. Madankollu, il-ksur issuspettat ma huwiex limitat għall-imsemmija sezzjoni. Huwa jkopri r-rotta kollha ta' Praga-Ostrava, b'tul ta' 356 kilometru.

144 Minn dan isegwi li l-ewwel kundizzjoni hija ssodisfatta.

145 Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li huwa paċifiku bejn il-partijiet li r-rikorrenti hija dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE b'mod partikolari fis-swieq tal-provvista ta' servizzi ta' trasport ta' persuni u tal-provvista ta' servizzi ta' ġestjoni tal-infrastruttura ferrovjarja fir-Repubblika Ċeka (premessa 2 tad-deċiżjoni kkontestata).

146 Issa, fil-ġurisprudenza, it-tieni kundizzjoni hija meqjusa bħala ssodisfatta anki fil-każ fejn il-pożizzjoni dominanti tal-impriża kkonċernata tkun limitata għal reġjun ġewwa Stat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2001, Ambulanz Glöckner, C-475/99, EU:C:2001:577, punt 38), jew anki għal port (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 1991, Merci convenzionali porto di Genova, C-179/90, EU:C:1991:464, punt 15).

147 *A fortiori*, din il-kundizzjoni għandha titqies bħala ssodisfatta fil-każ fejn il-pożizzjoni dominanti tal-impriża kkonċernata tkopri t-territorju kollu ta' Stat Membru bħar-Repubblika Ċeka.

148 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tiżbalja meta tibda bl-idea li huwa t-trasport ferrovjarju fuq ir-rotta Praga-Ostrava li għandu jikkostitwixxi parti sostanzjali tas-suq intern. Fil-fatt, sabiex l-Artikolu 102 TFUE jkun applikabbli, żewġ kundizzjonijiet distinti għandhom jiġu ssodisfatti b'mod kumulattiv. Minn naħa, l-aġir abbużiv għandu jkun jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Min-naħa l-oħra, l-awtur tal-aġir abbużiv għandu jokkupa pożizzjoni dominanti fis-suq intern jew f'parti sostanzjali tiegħu. Minn dan jirriżulta li l-Artikolu 102 TFUE japplika wkoll fil-każ fejn impriża li tokkupa pożizzjoni dominanti fis-suq intern jew f'parti sostanzjali tiegħu tisfrutta din il-pożizzjoni dominanti b'mod abbużiv biss fuq sezzjoni tas-suq intern li waħedha ma tikkostitwixxix parti

sostanzjali tas-suq intern, bil-kundizzjoni madankollu li dan l-abbuż ikun jista’ jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Issa, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li din l-aħħar kundizzjoni hija ssodisfatta f’dan il-każ.

149 Għaldaqstant, it-tieni kundizzjoni hija ssodisfatta wkoll.

150 Għaldaqstant, ir-raba’ motiv għandu jiġi miċħud.

***Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta’ ċertezza legali u ta’ protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi***

151 Ir-rikorrenti ssostni li l-fatt li l-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni ilha tinvestiga l-istess aġir sa mill-2011 nissel fiha l-aspettattiva leġittima li l-investigazzjoni ser titmexxa biss mill-imsemmija awtorità.

152 Din l-aspettattiva leġittima ġiet imsaħħa permezz tat-termini tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi ħdan in-netwerk tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni (ĠU 2004, C 101, p. 43) u mill-fatt li l-Kummissjoni kienet kompletament inattiva bejn l-2013, id-data li fiha hija rċeviet l-ilment li wassalha sabiex tadotta d-deċiżjoni kkontestata, u l-2016, id-data li fiha hija wettqet l-ispezzjoni inkwistjoni.

153 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

154 F’dan ir-rigward, ma jistax jiġi dedott mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1/2003 li, ladarba awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tkun bdiet investigazzjoni fuq fatti partikolari, il-Kummissjoni hija immedjatament prekluża milli tieħu azzjoni fil-każ jew milli tinteressa ruħha b’mod preliminari. Bil-kontra, dawn iż-żewġ awtoritajiet jistgħu, għall-inqas fl-istadji preliminari bħal fl-investigazzjonijiet, jaħdmu b’mod parallel u l-Kummissjoni żżomm il-possibbiltà li tiftaħ proċedura għall-adozzjoni ta’ deċiżjoni anki jekk awtorità nazzjonali tkun diġà qiegħda tittratta l-każ. *A fortiori*, il-Kummissjoni għandha tkun tista’ wkoll twettaq spezzjoni, peress li deċiżjoni li tordna spezzjoni tikkostitwixxi biss att preparatorju għat-trattament fuq il-mertu tal-każ, u ma għandhiex l-effett tal-ftuħ formali tal-proċedura prevista fis-sens tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament Nru 1/2003 (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta’ Marzu 2007, France Télécom vs Il-Kummissjoni, T-340/04, EU:T:2007:81, punt 129 u l-ġurisprudenza ċċitata).

155 Barra minn hekk, hija ġurisprudenza stabbilita li, fil-prinċipju, il-Kummissjoni ma tistax tkun marbuta b’deċiżjoni mogħtija minn qorti nazzjonali jew awtorità nazzjonali b’applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE u tal-Artikolu 102 TFUE. Għalhekk, il-Kummissjoni tista’ tieħu, f’kull mument, deċiżjonijiet individwali għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, anki meta ftehim jew prattika jkunu diġà s-suġġett ta’ deċiżjoni ta’ qorti nazzjonali u d-deċiżjoni prevista mill-Kummissjoni tkun f’kontradizzjoni mal-imsemmija deċiżjoni ġudizzjarja (ara s-sentenza tal-25 ta’ Novembru 2014, Orange vs Il-Kummissjoni, T-402/13, EU:T:2014:991, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

156 Konsegwentement, l-investigazzjoni mmexxija mill-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni ma tistax, fi kwalunkwe każ, tnissel l-aspettattiva leġittima, fi ħdan ir-rikorrenti, li l-Kummissjoni ser tastjeni milli tintervjeni.

157 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni ma tmexxix l-investigazzjoni tagħha abbażi tad-dritt tal-Unjoni, iżda abbażi tad-dritt nazzjonali.

158 Fir-rigward tal-fatt li l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata biss fl-2016, filwaqt li l-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni ilha twettaq l-investigazzjoni tagħha sa mill-2011 u li l-Kummissjoni rċeviet ilment dwar l-istess aġir tar-rikorrenti fl-2013, huwa ma jinvalidax il-konklużjoni li r-rikorrenti ma tistax tinvoka aspettativa leġittima f'dan il-każ.

159 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jitfakkar li l-Kummissjoni għandha d-dritt li tattribwixxi gradi ta' prijorità differenti għall-ilmenti li tiġi adita bihom (ara s-sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Trajektna luka Split vs Il-Kummissjoni, T-57/15, mhux ippubblikata, EU:T:2016:470, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

160 Fir-rigward tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi ħdan in-netwerk tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, għandu jiġi rrilevat, bħalma għamlet il-Kummissjoni, li hija tapplika biss fl-ipoteżi fejn l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tapplika l-Artikoli 101 jew 102 TFUE. Issa, dan ma huwiex il-każ f'din il-kawża. Għaldaqstant, l-imsemmija komunikazzjoni lanqas ma setgħet tnissel aspettattiva leġittima fi ħdan ir-rikorrenti.

161 Minn dan isegwi li l-ħames motiv għandu jiġi miċħud.

***Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tad-drittijiet tad-difiża***

162 Skont ir-rikorrenti, l-indħil fid-dritt iggarantit mill-Artikolu 7 tal-Karta u mill-Artikolu 8 tal-KEDB li jinsab fid-deċiżjoni kkontestata ma jissodisfa l-ebda waħda mit-tliet kundizzjonijiet sabiex ikun jista' jitqies bħala ġġustifikat. Għaldaqstant, ma huwiex previst mil-liġi, ma jsegwix għan leġittimu, b'mod partikolari minħabba l-assenza ta' indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni mir-rikorrenti, u ma huwiex neċessarju f'soċjetà demokratika, b'mod partikolari fid-dawl tal-investigazzjoni mmexxija mill-awtorità Ċeka tal-kompetizzjoni u fid-dawl taż-żewġ proċeduri ġudizzjarji pendenti.

163 Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata tikser id-dritt iggarantit mill-Artikolu 48 tal-Karta u mill-Artikolu 6 tal-KEDB, b'mod partikolari d-dritt tar-rikorrenti li tiġi informata b'mod iddettaljat dwar in-natura u l-kawża tal-akkuża miġjuba kontriha. Fil-fatt, fir-rigward tan-natura tal-akkuża, id-deċiżjoni kkontestata hija fformulata f'termini wiesa' wisq u, fir-rigward tal-kawża tal-akkuża, ma fihiex elementi konkreti.

164 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

*Fuq l-ewwel parti tas-sitt motiv, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 7 tal-Karta u tal-Artikolu 8 tal-KEDB*

165 Skont l-Artikolu 7 tal-Karta, kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-komunikazzjonijiet tagħha.

166 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 52(1) tal-Karta jipprevedi li kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet irrikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-kontenut essenzjali tal-imsemmija drittijiet u libertajiet. Barra minn hekk, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet biss jekk ikunu neċessarji u jekk jissodisfaw effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor.

167 Fir-rigward tal-Artikolu 8 tal-KEDB, l-Artikolu 52(3) tal-Karta jistipula li, "[s]afejn din il-Karta tinkludi drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-KEDB, it-tifsira u l-ambitu ta' dawk id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-konvenzjoni".

168 Bl-istess mod, l-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta (ĠU 2007, C 303, p. 17) jippreċiżaw, fir-rigward tal-Artikolu 7 tal-Karta, dan li ġej:

"Skond l-Artikolu 52(3) [tal-Karta], is-sens u l-ambitu ta' dan id-dritt huma l-istess bħal dawk ta' l-Artikolu korrispondenti tal-KEDB. Għaldaqstant, il-limitazzjonijiet li b'mod leġittimu jistgħu jiġu imposti fuq dan id-dritt huma l-istess bħal dawk permessi mill-Artikolu 8 tal-KEDB: '[…] 2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."

169 Għalhekk, sa fejn mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-eżerċizzju tas-setgħat ta' spezzjoni mogħtija lill-Kummissjoni mill-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003 f'impriża jikkostitwixxi ndħil ċar fid-dritt ta' din tal-aħħar għar-rispett tal-ħajja privata tagħha, tad-domiċilju tagħha u tal-korrispondenza tagħha (sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/11, T-290/11 u T-521/11, EU:T:2013:404, punt 65), għandu jiġi eżaminat jekk id-deċiżjoni kkontestata tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta u fl-Artikolu 8(2) tal-KEDB.

170 Skont dawn il-kundizzjonijiet, il-limitazzjoni għandha qabelxejn tkun prevista mil-liġi. Għalhekk, il-miżura inkwistjoni għandu jkollha bażi legali (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Trabelsi *et* vs Il-Kunsill, T-187/11, EU:T:2013:273, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata).

171 F'dan il-każ, miċ-ċitazzjonijiet tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li din ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003, dispożizzjoni li tipprevedi fil-fatt il-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tordna, permezz ta' deċiżjoni, spezzjonijiet li għalihom l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet tal-impriżi huma marbuta li jissottomettu ruħhom.

172 Il-kundizzjoni li l-indħil kollu fid-dritt għar-rispett tal-ħajja privata għandu jkun "previst mil-liġi" hija għalhekk issodisfatta,

173 Fir-rigward, imbagħad, tal-kundizzjoni li, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet biss jekk ikunu neċessarji u jekk jissodisfaw effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor, mill-ġurisprudenza jirriżulta li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni permezz tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1/2003 huma intiżi sabiex jippermettu lil din twettaq il-missjoni, li hija fdata lilha mit-Trattati, li tħares l-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni fis-suq intern. Dawn ir-regoli għandhom il-funzjoni li jiġi evitat li l-kompetizzjoni tiġi mfixkla għad-detriment tal-interess ġenerali, tal-impriżi individwali u tal-konsumaturi. L-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni permezz tar-Regolament Nru 1/2003 jikkontribwixxi għaż-żamma tas-sistema kompetittiva mixtieqa mit-Trattati, li r-rispett tagħha huwa imperattiv għall-impriżi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidhirx għalhekk li r-Regolament Nru 1/2003, bl-għoti lill-Kummissjoni tas-setgħat li tipproċedi għal verifiki mingħajr komunikazzjoni minn qabel, jinvolvi ksur tad-dritt previst mill-Artikolu 7 tal-Karta u mill-Artikolu 8 tal-KEDB (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 1980, National Panasonic vs Il-Kummissjoni, 136/79, EU:C:1980:169, punt 20).

174 Għalhekk, fid-dawl tal-analiżi tal-motivi l-oħra ta' dan ir-rikors, li għalihom ir-rikorrenti tirreferi f'dan il-kuntest, id-deċiżjoni kkontestata, li ġiet adottata abbażi tar-Regolament Nru 1/2003, tissodisfa, hija wkoll, għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni.

175 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni kkontestata teċċedix dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imsemmi fil-punt 173 iktar 'il fuq, huwa suffiċjenti li jitfakkar li din l-istess kwistjoni diġà ġiet analizzata fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel motiv. Issa, wara din l-evalwazzjoni, ġie konkluż li, fid-dawl tar-riżultat tal-eżami tat-tieni u t-tielet motiv, id-deċiżjoni kkontestata kienet ġiet effettivament adottata fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

176 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel parti tas-sitt motiv, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 7 tal-Karta u tal-Artikolu 8 tal-KEDB, għandha tiġi miċħuda.

*Fuq it-tieni parti tas-sitt motiv, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 48 tal-Karta u tal-Artikolu 6 tal-KEDB*

177 Skont l-Artikolu 48(2) tal-Karta "[g]ħandu jiġi ggarantit ir-rispett għad-drittijiet tad-difiża ta' kull imputat".

178 Fir-rigward tal-Artikolu 6 tal-KEDB, l-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta jispeċifikaw dan li ġej:

"L-Artikolu 48 huwa l-istess bħall-Artikolu 6(2) u (3) tal-KEDB […] Skond l-Artikolu 52(3), dan id-dritt għandu l-istess sens u ambitu bħad-dritt garantit mill-KEDB."

179 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-proċedura amministrattiva taħt ir-Regolament Nru 1/2003, li sseħħ quddiem il-Kummissjoni, tinqasam f'żewġ fażijiet distinti u suċċessivi, u kull waħda minnhom għandha loġika interna proprja tagħha, jiġifieri fażi ta' investigazzjoni preliminari, minn naħa, u fażi kontradittorja, min-naħa l-oħra. Il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, li matulha l-Kummissjoni tagħmel użu mis-setgħat ta' investigazzjoni previsti mir-Regolament Nru 1/2003 u li hija estiża sad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, hija intiża sabiex tippermetti lill-Kummissjoni tiġbor l-elementi rilevanti kollha li jikkonfermaw jew le l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u tieħu pożizzjoni inizjali fuq l-orjentament tal-proċedura kif ukoll fuq kif għandha tipproċedi. Min-naħa l-oħra, il-fażi kontradittorja li hija estiża mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sal-adozzjoni tad-deċiżjoni finali, għandha tippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi b'mod definittiv fuq l-allegat ksur (ara s-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, T-99/04, EU:T:2008:256, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

180 Minn naħa, fir-rigward tal-fażi ta' investigazzjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li din il-fażi tibda fid-data li fiha l-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilha b'mod partikolari mill-Artikoli 18 u 20 tar-Regolament Nru 1/2003, tadotta miżuri li jimplikaw l-akkuża li twettaq ksur u li jkollhom riperkussjonijiet importanti fuq is-sitwazzjoni tal-impriżi ssuspettati. Min-naħa l-oħra, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li huwa biss fil-bidu tal-fażi kontradittorja amministrattiva li l-impriża kkonċernata tiġi informata, permezz tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, bl-elementi essenzjali kollha li fuqhom il-Kummissjoni tibbaża ruħha f'dan l-istadju tal-proċedura u li din l-impriża għandha dritt ta' aċċess għall-fajl sabiex jiġi ggarantit l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża tagħha. Konsegwentement, huwa biss wara li tintbagħat id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li l-impriża kkonċernata tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ id-drittijiet tad-difiża tagħha. Fil-fatt, li kieku dawn id-drittijiet kienu estiżi għall-fażi ta' qabel ma tintbagħat id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, l-effikaċja tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni tkun kompromessa, peress li l-impriża kkonċernata tkun, diġà matul il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, f'pożizzjoni li tidentifika l-informazzjoni li hija magħrufa mill-Kummissjoni u, b'hekk, dik li għadha tista' tiġi moħbija minnha (ara s-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, T-99/04, EU:T:2008:256, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

181 Ċertament, il-miżuri struttorji adottati mill-Kummissjoni matul il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, b'mod partikolari l-miżuri ta' verifika u t-talbiet għal informazzjoni skont l-Artikoli 18 u 20 tar-Regolament Nru 1/2003, jimplikaw min-natura tagħhom l-akkuża ta' ksur u jista' jkollhom riperkussjonijiet importanti fuq is-sitwazzjoni tal-impriżi ssuspettati (sentenza tat-8 ta' Lulju 2008,

AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, T-99/04, EU:T:2008:256, punt 50). Fil-fatt, anki jekk, mil-lat formali, l-impriża kkonċernata ma għandhiex status ta' "akkużata" matul il-fażi ta' investigazzjoni preliminari, il-ftuħ tal-investigazzjoni kontriha, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni ta' miżura istruttorja li tikkonċernaha, ma jistax, bħala regola ġenerali, jiġi ddisassoċjat, mil-lat sostantiv, mill-eżistenza ta' suspett u, għaldaqstant, ta' akkuża impliċita li tiġġustifika l-adozzjoni ta' din il-miżura (sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, T-99/04, EU:T:2008:256, punt 52). Għaldaqstant, huwa importanti li jiġi evitat li d-drittijiet tad-difiża jkunu jistgħu jiġu kompromessi b'mod irrimedjabbli matul din il-fażi tal-proċedura amministrattiva peress li l-miżuri istruttorji adottati jistgħu jkunu determinanti għall-istabbiliment ta' provi tan-natura illegali tal-aġir ta' impriżi li għalih huma jistgħu jinżammu responsabbli (ara s-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, T-99/04, EU:T:2008:256, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata). Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni hija obbligata tinforma lill-impriża kkonċernata, fl-istadju tal-ewwel miżura adottata kontriha, bis-suġġett u bl-għan tal-investigazzjoni li tkun qed titwettaq. F'dan ir-rigward, il-motivazzjoni għandha b'mod partikolari tippermetti lil din l-impriża tifhem l-għan kif ukoll is-suġġett ta' din l-investigazzjoni, li jimplika li jiġu ppreċiżati l-preżunzjonijiet ta' ksur u, f'dan il-kuntest, il-fatt li hija tista' tkun esposta għal akkużi marbuta ma' dan l-eventwali ksur, sabiex hija tkun tista' tieħu l-miżuri li hija tqis effettivi sabiex tiġi skaġunata u tipprepara b'dan il-mod id-difiża tagħha fl-istadju tal-fażi kontradittorja tal-proċedura amministrattiva (sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, T-99/04, EU:T:2008:256, punt 56).

182 Issa, fid-dawl tal-eżami tat-tieni u t-tielet motiv li fi tmiemu ġie konkluż li kien hemm lok li tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata sa fejn kienet tikkonċerna rotot oħra minbarra r-rotta Praga-Ostrava u sa fejn hija kienet tirreferi għal aġir ieħor minbarra l-allegata prattika ta' prezzijiet inferjuri għall-ispejjeż ta' produzzjoni, għandu jiġi kkonstatat li, għall-kumplament, il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tissodisfa r-rekwiżiti li jirriżultaw mir-Regolament Nru 1/2003 u mill-ġurisprudenza.

183 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-deċiżjoni kkontestata, li hija parti mill-fażi ta' investigazzjoni preliminari tal-proċedura amministrattiva prevista mir-Regolament Nru 1/2003, għandha tiġi kkunsidrata bħala adottata fl-osservanza tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti.

184 It-tieni parti tas-sitt motiv, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 48 tal-Karta u tal-Artikolu 6 tal-KEDB, għandha għalhekk tiġi, hija wkoll, miċħuda.

185 Għaldaqstant, is-sitt motiv għandu jiġi miċħud.

186 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti hemm lok, l-ewwel nett, li d-deċiżjoni kkontestata tiġi annullata sa fejn hija tikkonċerna rotot oħra minbarra r-rotta Praga-Ostrava u aġir ieħor minbarra l-prattika ssuspettata ta' prezzijiet inferjuri għall-ispejjeż ta' produzzjoni u, it-tieni nett, li l-kumplament tar-rikors jiġi miċħud.

**Fuq l-ispejjeż**

187 Skont l-Artikolu 134(3) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha. Madankollu, jekk fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża dan ikun jidher iġġustifikat, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li waħda mill-partijiet għandha, minbarra l-ispejjeż tagħha, tbati parti mill-ispejjeż tal-parti l-oħra.

188 F'dan il-każ, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata parzjalment, il-Qorti Ġenerali tqis li hemm lok li jiġi deċiż li kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 2417 finali tat-18 ta' April 2016 dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 20(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, indirizzata lil České dráhy kif ukoll lill-kumpanniji kollha direttament jew indirettament ikkontrollati minnha, li tordnalhom li jissottomettu ruħhom għal spezzjoni (Każ AT.40156 – Falcon), hija annullata sa fejn hija tikkonċerna rotot oħra minbarra r-rotta Praga-Ostrava u aġir ieħor minbarra l-allegata prattika ta' prezzijiet inferjuri għall-ispejjeż ta' produzzjoni.**

2) **Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.**

3) **Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.**

Collins Barents Passer

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-20 ta' Ġunju 2018.

Firem